# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA STUDJI SOĊJALI (*OPTION*) ĦIN: Siegħa u Nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ______________

**Taqsima A: Aqra din is-silta u wieġeb SITT mistoqsijiet minn tmienja f'mhux anqas minn 30 kelma għal kull mistoqsija.**

"Minkejja li tista' tgħid li l-pajjiżi kollha tad-dinja ffirmaw l-Istqarrija Universali ta' l-1948, u qablu li din għandha tiġi mħarsa, għad hemm pajjiżi fejn id-drittijiet tal-bniedem huma mkasbra b'mod sfaċċat.
Eżempji ċari ta' dan kienu l-ġenoċidju fir-Rwanda u l-*ethnic cleansing* fil-Kosovo matul it-tieni nofs tas-snin disgħin."

(Silta meħuda minn *Ibda għix fid-dinja*)

1. Ikteb dwar **żewġ** drittijiet fundamentali tal-bniedem u għid għaliex dawn jissejħu hekk.
   5 marki
2. Spjega xi tfisser il-kelma 'ġenoċidju'. Saħħaħ it-tweġiba tiegħek billi tagħti eżempji.
   5 marki
3. X'nifhmu bil-kelma 'razziżmu'? Taħseb li f'Malta hawn razziżmu?
   5 marki
4. Meta ngħidu 'universali' nfissru li dawn qegħdin għal kull persuna tad-dinja – taħseb li veru kulħadd igawdi minn dawn id-drittijiet? Uri b'eżempji.
   5 marki
5. F'Malta ngħixu fi gżira li għandha tradizzjoni twila ta' rispett u tolleranza. Taħseb li f'dawn iż-żminijiet għadna ngħixu u ngħożżu din it-tradizzjoni f'pajjiżna? Ikkummenta.
   5 marki
6. Il-problema tar-refuġjati saret problema dinjija. X'jistgħu jagħmlu l-pajjiżi żviluppati biex jgħinu lil dawn in-nies?
   5 marki
7. Ikteb dwar żewġ Aġenziji Internazzjonali li jaħdmu favur il-ħarsien tal-jeddijiet tal-bniedem u li għandhom rappreżentanti anke f'Malta.
   5 marki
8. Filwaqt li f'ħafna pajjiżi fid-dinja t-tfal jintbagħtu l-iskola biex jiġu edukati, f'ħafna pajjiżi oħra dawn jingħataw xkubetta u jintbagħtu għall-gwerra. Ikkumenta dwar dan u semmi liema drittijiet qed jiġu mċaħħda minnhom dawn it-tfal.
   5 marki

**(6x5 marki) Total 30 marka**

**Taqsima B: Aqra din is-silta u wieġeb SITT mistoqsijiet. Wieġeb kull mistoqsija f'mhux anqas minn 30 kelma.**

Soċjologi qattgħu ħafna snin jiddiskutu d-differenza bejn x'inhu xogħol u x'mhux xogħol. U ħarġu b'din id-definizzjoni:
'Ix-xogħol hu attività li ġeneralment issir għal perjodu speċifiku ta' żmien, f'post 'il bogħod mid-dar. Ġeneralment dan il-ħin hu mħallas minn min jimpjega.'

(Silta meħuda minn *Ibda għix fid-dinja*)

1. F'Malta teżisti liġi għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol? Għalfejn taħseb li hu importanti li jkollna liġi bħal din? Agħti tliet (3) raġunijiet.
   5 marki
2. X'taħseb li huma r-responsabbiltajiet ewlenin ta' min iħaddem? Semmi ħames (5) responsabbiltajiet.
   5 marki
3. X'inhuma d-dmirijiet tal-ħaddiema? Agħti ħames (5) eżempji.
   5 marki
4. Kif għandu jkun l-ambjent fuq il-post tax-xogħol biex ikun san u jħares is-saħħa tal-ħaddiema? Agħti ħames (5) eżempji.
   5 marki

5a. X'nifhmu bil-kliem 'għaqda tal-ħaddiema'? Agħti żewġ eżempji ta' għaqdiet bħal dawn f'Malta.
   3 marki

b. Taħseb li jiswa li tissieħeb f'għaqda tal-ħaddiema? Agħti żewġ (2) raġunijiet.
   2 marki

6. Waħda mill-pjagi ta' pajjiż hu l-qgħad. Semmi ħames (5) raġunijiet li jwasslu għat-telfien ta' ħafna impjiegi fis-soċjetà.
   5 marki
7. X'taħseb li huma l-effetti soċjali tal-qgħad? Semmi ħames (5) eżempji.
   5 marki
8. X'nifhmu meta ngħidu s-settur primarju, is-settur sekondarju u s-settur terzjarju fid-dinja tax-xogħol. Spjega billi tagħti eżempji għal kull settur.
   5 marki

**(6x5 marki) Total 30 marka**

**Taqsima Ċ: Agħżel TNEJN minn dawn u ikteb madwar 200 kelma fuq kull wieħed.**

1. Ikteb dwar il-bidliet li għaddiet minnhom il-familja Maltija biex addattat għaż-żminijiet moderni tal-lum.
2. Nitkellmu dwar l-edukazzjoni tul il-ħajja. X'tifhem b'din il-frażi u għaliex taħseb li dan il-kunċett sar importanti fi żminijietna?
3. F'pajjiżi demokratiċi d-dritt tal-libertà hu wieħed fundamentali. Taħseb li l-kontroll soċjali jnaqqas din il-libertà? Jista' ma jkunx hemm mezzi ta' kontroll?
4. Id-demokrazija f'Malta ssaħħet permezz tal-kunsilli lokali. Ikkummenta.
5. Ir-reliġjon f'Malta tgħin biex tkattar l-identità kulturali Maltija. Iddiskuti.
6. Il-kultura tagħtina l-identità tagħna bħala Maltin. Iddiskuti.

**(2 x 20 marka) Total 40 marka**